

Brussell, 2 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8210/25

LIMITE

POLMAR 18
CLIMA 117
COMAR 18
CONUN 63
ENER 105
ENV 270
MAR 63
MARE 17
PECHE 100
RECH 165
RELEX 468
TRANS 139
SUSTDEV 19

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tidħol f'negozjati dwar l-abbozz ta' Dikjarazzjoni dwar Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għal Oċean Kwiet matul it-tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani (Nizza, 9–13 ta' Ġunju 2025) - Awtorizzazzjoni biex jiġi nnegozjat Strument Mhux Vinkolanti

1. Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż Nota mill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħha li tidħol f'negozjati dwar abbozz ta' Dikjarazzjoni li tnedi Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għal Oċean Kwiet li għandha tiġi adottata mit-tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani, li hija skedata li ssir mid-9 sat-13 ta' Ġunju 2025 f'Nizza.
2. L-intenzjoni hija li titnieda din il-koalizzjoni permezz tal-iffirmar tad-dikjarazzjoni li tippromwovi soluzzjonijiet ambizzjużi u prattiċi li ser jirrestawraw is-silenzju tal-oċean. Il-Koalizzjoni ser tgħin biex tgħolli l-profil tal-kwistjoni tal-istorbju taħt l-ilma mit-tbaħħir u l-importanza tagħha għas-saħħa tal-oċeani.

3. Id-dikjarazzjoni hija strument mhux vinkolanti li fih impenji politiċi, f'konformità mal-arranġamenti għal strumenti mhux vinkolanti maqbula mill-Kunsill, il-Kummissjoni u s-SEAE f'Diċembru 2017¹.
4. In-Nota tal-Kummissjoni² ntbagħtet lill-Kunsill fit-8 ta' April 2025. Din in-nota tikkostitwixxi l-ewwel pass tal-proċedura prevista fl-arranġamenti ta' hawn fuq u sar qbil dwarha fil-livell tal-grupp ta' ħidma wara konsultazzjoni bil-miktub konklużiva fit-28 ta' April 2025.
5. Il-Kummissjoni ser tinforma lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Marittimi – Politika Marittima Integrata (PMI) dwar il-progress tan-negozjati u ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem il-proċess tan-negozjati biex tikseb awtorizzazzjoni għall-approvazzjoni tad-dikjarazzjoni f'isem l-UE, dment li tkun konformi mal-pożizzjoni tal-UE.
6. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jixtiequ jfakkru fil-pożizzjoni konsistenti tagħhom dwar il-kwistjoni tal-kompetenza għall-istorbju taħt l-ilma kif stipulata l-aħħar fil-paragrafu 6 tad-dokument tal-Kunsill 13991/21. Madankollu, l-Istati Membri qablu li jikkoordinaw il-pożizzjoni tagħhom fuq bażi volontarja dwar din il-kwistjoni importanti.
7. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt A f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, jawtorizza lill-Kummissjoni tidħol fin-negozjati dwar l-abbozz ta' Dikjarazzjoni li għandha tiġi adottata mit-tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani, li ser issir f'Nizza (9-13 ta' Ġunju 2025).

¹ 15367/17

² 8066/25